It-Tlieta 10 ta' Mejju 2011

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

Ftehim dwar il-Protezzjoni u l-Iżvilupp Sostenibbli taż-Żona tal-Park ta' Prespa ***

P7_TA(2011)0191

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kusill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni u l-Iżvilupp Sostenibbli taż-Żona tal-Park ta' Prespa (16581/2010 – C7-0007/2011 – 2010/0300(NLE))

(2012/C 377 E/30)

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16581/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim dwar il-Protezzjoni u l-Iżvilupp Sostenibbli taż-Żona tal-Park ta' Prespa (16581/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill bi qbil mal-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0007/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0078/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, tal-Albanija u tal-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Ftehim dwar miżuri tal-Istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat ***

P7_TA(2011)0192

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2011 dwar abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar Miżuri Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat (05571/2011 – C7-0068/2011 – 2010/0389(NLE))

(2012/C 377 E/31)

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,